KWADRU TAL-ĦAJJA PARROKKJALI U TAL-FESTA TA' SAN ĠILJAN BEJN TMIEM IS-SEKLU DSATAX U L-BIDU TAS-SEKLU GĦOXRIN (IV)

# Ġrajjiet Storiċi u l-Protagonisti Tagħhom

NIKI PAPAGIORCOPULO
B.A. (HONS)

Madwar erba' snin ilu, waqt xogħol li kien qed isir mill-Għaqda Dilettanti Knisja ta' Lapsi fuq l-arkivji li ħalla Dun Anton Sciberras, ġie f'idejna reġistru ta' kontijiet tal-hekk imsejħa 'prokura tal-lampier' jew *Amministrazione della Procura della Veneranda Lampade della Chiesa Parrochiale di San Giuliano*. Minn dakinhar kien nibet il-ħsieb li ninkludu sensiela fuq dan is-sors, li jagħtina ħjiel ċar fuq dak li kien qed iseħħ fil-parroċċa lejn tmiem is-seklu XIX u l-bidu tas-seklu XX, f'dan l-annwal tal-Knisja l-Antika ta' San Ġiljan Ospidalier. Bdejna nagħtu ħarsa mill-qrib lejn dan is-sors fil-pubblikazzjoni t'Awwissu 2009[1] fejn tkellimna fuq il-ġrajjiet ewlenin li seħħew fil-Parroċċa f'dan iż-żmien partikolari u l-protagonisti li għenu biex jissawwru dawn il-ġrajjiet, kif ukoll lejn is-sors innifsu li, kif spjegajna, huwa reġistru ta' ħlasijiet li saru bejn il-5 ta' Novembru 1895 sat-18 ta' Frar 1904 minn din il-prokura li kienet ħadet l-isem mid-dmir prinċipali tagħha – dik li tiżgura li l-lampier ta' quddiem Ġesu Sagramentat kien jibqa dejjem imkebbes. Permezz ta' dan il-ktieb ta' kontijiet tajna ħarsa mill-qrib lejn kif kienet tiġi ċċelebrata l-festa titulari ta' San Ġiljan f'dawn iż-żminijiet bikrin tal-parroċċa, kemm biċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi fil-knisja, kif ukoll il-manifestazzjonijiet esterni[2]. Imbagħad tajna ħarsa ukoll lejn ix-xogħol kbir li kien qed jitwettaq mill-ewwel kappillan tal-parroċċa u l-prokuratur tal-knisja biex din tiġi mgħammra kif jixraq bl-apparat liturġiku neċessarju u msebbħa bl-opri tal-arti ġodda. Ikkonkludejna l-aħħar artiklu mis-sensiela billi tajna ħarsa dettaljata lejn il-festi li kienu jiġu ċċelebrati fil-knisja tul is-sena liturġika[3].

F'dan l-aħħar artiklu mis-sensiela ser nagħtu ħarsa lejn ġrajjiet partikolari li seħħew f'dan il-perjodu li qed nitkellmu dwaru u li nsibu evidenza tagħhom f'dan ir-reġistru ta' kontijiet. Ser nitkellmu ukoll fuq l-aħħar paġni ta' dan il-ktejjeb, li kif semmejna fl-ewwel artiklu mis-sensiela, jindikaw li l-amministrazzjoni hija tal-Kappillan Amabile Bonanno u li jeħduna 'l quddiem fiż-żmien lejn is-snin 1918-1919.

## EVIDENZA TA' ĠRAJJIET LI SEĦĦEW BEJN L-1895 U L-1904

### ĠABRA GĦALL-EĠIZZJANI MORDA BIL-KOLERA

Fit-8 ta' Lulju 1896 insibu li l-Prokura tal-Lampier tat is-somma ta' għaxar xelini lill-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi b'risq l-morda bil-kolera fl-Eġittu[4]. Il-ħames epidemija tal-kolera bdiet fl-Asja t'Isfel fl-1881 u baqgħet sejra sal-1896. Fl-Eġittu biss mietu mas-sittax-il elf ruħ fl-1896[5].

### IL-MEWT TAL-EWWEL KAPPILLAN – DUN ĠUŻEPP XERRI D.D.

Tkellimna fit-tul f'din is-sensiela fuq il-kontribut ta' Dun Ġużepp Xerri lejn San Ġiljan. Xerri huwa l-protagnista ewlieni tal-istorja, flimkien mal-poplu Ġiljaniż li hu mexxa, li wasslu sabiex il-Knisja ta' San Ġiljan tiġi mwaqqfa bħala parroċċa. Kien ir-ragħaj spiritwali tal-poplu Ġiljaniż mill-għażla tiegħu minn Monsinjur Isqof Publius Maria dei Conti Sant bħala viċi-parroku fl-1849[6] sal-mewt tiegħu fil-kariga ta' kappillan fl-1897. Xerri serva lill-poplu ta' San Ġiljan għal 48 sena, 42 fil-kariga ta' viċi-parroku u 6 snin bħala kappillan[7].

Jibqa mfakkar prinċipalment għaliex kien hu stess li tħabat flimkien mal-poplu Ġiljaniż sabiex dak li kienu ilu joħolmu bih iseħħ. Din ma kinitx xi biċċa xogħol faċli għaliex il-Kapitlu Elenjan kien jopponi għall-firda ta' parti mill-Parroċċa ta' Birkirkara minħabba li dan kien ifisser li l-membri tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata kienu jonqsu. Meta miet il-Prepostu Dun Ġużepp Debono, l-Isqof kien ħareġ avviż fejn qal illi dawk li jersqu għall-konkors għall-prepositura kellhom ikunu mitluba biex iwiegħdu li ma jfixklux fl-għoti ta' parroċċi ġodda. Il-Kapitlu tal-Kolleġjata Elenjana pprotesta kontra dan l-avviż iżda missirijietna leħqu saru jafu bih u magħqudin mar-ragħaj spiritwali tagħhom resqu talba quddiem il-Papa biex iwaqqaf il-viċi parroċċa f'parroċċa[8]. Din it-talba ma ntlaqgħetx iżda wara li ħallew ftit żmien jgħaddi l-Ġiljaniżi reġgħu għamlu talba oħra ffirmata minn mija u sitta u sittin persuna u din id-darba din ma setgħetx ma tintlaqax mill-Isqof Pietru Pace. Dan l-istess Isqof kien jaf ukoll bil-merti kbar ta' Xerri u għalhekk xtaq li jappuntah bħala l-ewwel kappillan tal-parroċċa mingħajr il-bżonn li joqgħod għall-konkors minħabba l-eta' avvanzata tiegħu[9]. L-Isqof għalhekk għamel petizzjoni ndirizzata lill-Papa Ljun XIII u kiseb il-permess mill-Kardinal Isodoro Verga mill-Kongregazzjoni tal-Konċilju biex Xerri ġie appuntat l-ewwel Kappillan ta' San Ġiljan[10]. Huwa ħa l-pussess tal-Parroċċa nhar it-18 ta' Ottubru 1891[11].

Wara sitt snin fil-kariga, saħħet Xerri kienet marret lura u l-parroċċa waqgħet f'idejn l-ewwel saċerdot iben il-parroċċa - Dun Ġiljan Zammit, li kif semmejna fl-ewwel edizzjoni tas-sensiela, kien maħtur prokuratur tal-knisja fl-1895[12]. Xerri miet fid-9 ta' Ġunju 1897 fis-sagħtejn ta' filgħodu wara li ġie assistit minn Zammit stess li amministralu s-sagrament tal-qrar u l-griżma tal-morda fit-2 ta' Ġunju. Indifen wara quddiesa *praesente cadavere* li ġiet iċċelebrata fil-Knisja

Parrokkjali l-għada stess, f'qabar propjeta' tiegħu[13] taħt il-presbiterju mgħotti b'lapida tal-irħam li tinkludi l-arma personali tiegħu u epitaffju miktub minnu stess[14]. Il-mewt tiegħu tħabbret f'gazzetta lokali fil-11 ta' Ġunju[15].

F'dan ir-reġistru ta' kontijiet insibu xi spejjeż assoċjati mal-funeral ta' dan l-ewwel kappillan. Dawn ġew imniżżla fir-reġistru fil-31 ta' Lulju 1897 u jinkludu ħlas ta' xelin u sitt soldi għal baċil li ġie użat fil-quddiesa tal-funeral, ħlas ta' seba' xelini u disa' soldi lil Dun Ġużepp Camilleri *'per agonia'*, ħlas ta' lira u għaxar xelini lil diversi saċerdoti għas-sehem tagħhom fil-funeral u ħlas ta' lira u ħames xelini li sar lil Carmelo Gauci għal taraġ tal-injam li ntuża waqt id-difna fil-qabar[16].



L-Isqof Pietru Pace

**VIŻTA PASTORALI TAL-ISQOF PIETRU PACE fl-1897**

Dan is-sors jagħtina ukoll ħjiel ta' viżta pastorali li saret mill-Arċisqof Pietru Pace fil-Parroċċa f'Settembru 1987. Fit-23 ta' Settembru tħallset is-somma ta' lira u tliet xelini għall-kiri ta' tron u tapizzerija għal din il-viżta pastorali. Is-Surmast Alberto Vella tħallas lira u ħames xelini għas-servizzi mużikali li pprovda għall-festa tad-Duluri u fl-okkażjoni tal-viżta. Fl-aħħar nett is-Sur Carmelo Aquilina rċieva ukoll il-ħlas ta' ħames xelini u ħames soldi mill-prokura tal-lampier għall-għajnuna li ta waqt il-viżta – *'per assistenza'*[17].

F'dan iż-żmien il-parroċċa kienet għadha mingħajr kappillan. Wara l-mewt ta' Xerri f'Ġunju l-festa titulari ġiet iċċelebrata xorta waħda fid-29 ta' Awwissu kemm bil-festi ta' ġewwa l-knisja u dawk esterni. Il-viżta pastorali seħħet ukoll f'dan iż-żmien tas-*sede vacante* għaliex il-konkors għall-għażla ta' kappillan ġdid sar fit-8 ta' Novembru[18] u Dun Ġiljan Zammit ingħata l-pussess tal-parroċċa nhar is-27 ta' Novembru 1897[19]. Interessanti ngħidu li f'dan ir-reġistru ma nsibu l-ebda annotazzjonijiet ta' spejjez li saru marbuta maċ-ċerimonja tal-pussess ta' Zammit bħala t-tieni kappillan.

pp.70-71 Ritratt li juri t-tubru armat għall-funeral tal-ewwel kappillan ta' San Ġiljan, Dun Ġużepp Xerri DD. Il-funeral sar fid-9 ta' Ġunju 1897, meta l-parroċċa kienet għadha fis-sitt sena tagħha. Ir-ritratt qed jidher bil-kortesija ta' ***Richard Ellis Archive - Malta***, u hu merfugħ mill-pubblikazzjoni prestiġjuża ***Richard Ellis - The Photography Collection - Sliema & St Julians*** ippubblikat mill-BDL





## ANNIVERSARJI U MEWT TA' PAPA LJUN XIII

F'dan l-artiklu ser inkunu tajna ħarsa lejn tliet persunaġġi li jibqgħu mfakkrin fl-istorja ta' San Ġiljan għaliex fiż-żmien li okkupaw il-kariga tagħhom San Ġiljan sar parroċċa – Dun Ġużepp Xerri – il-Kappillan, Monsinjur Pietru Pace – l-Isqof, u fl-aħħar u mhux lanqas ser nitkellmu fuq Gioacchino Vincenzo Raffaele Luigi Pecci – Papa Ljun XIII. Il-Papa jissemma tliet darbiet f'dan ir-reġistru ta' kontijiet tal-*'veneranda lampade'*. L-ewwel annotazzjoni li ssir fir-rigward tal-Papa nsibuha fit-30 ta' Marzu 1898 fejn hemm imniżżel li l-amministrazzjoni tal-prokura ħallset is-somma ta' ħames xelini *'Dono al Santo Padre'*[20]. Huwa wisq probabbli li dan kien rigal fl-okkazjoni tal-għaxar anniversarju mill-elezzjoni tal-Papa li seħħet fl-20 ta' Frar 1878.

Fil-31 ta' Mejju tal-1903 sar ħlas ta' sittax-il xelin u seba' soldi għall-illuminazzjoni għall-festa tal-Papa. Fl-1903 Ljun XIII iċċelebra il-ġublew tal-fidda tiegħu fuq it-tron ta' Pietru[21] u għal dan il-għan jidher li saru festi biex ifakkru din il-ġrajja f'San Ġiljan. Iżda ftit xhur wara, fl-20 ta' Lulju 1903, il-Papa miet fl-eta' ta' 93 sena. Il-parroċċa organizzat funeral solenni bil-mużika taħt it-tmexxija tas-Surmast Alberto Vella li għalih il-prokura ħallset l-ispejjez ta' żewġ liri u erba' xelini għall-mużika u xelin u ħames soldi għal spejjeż oħra. Insibu ukoll rendikont tal-ħlas li sar għall-quddiesa għal ruħ il-Papa *'proximo morti'*.



Il-ġisem mejjet tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Ljun XIII, espost għall-venerazzjoni pubblika.

Ma' dawn insibu oħrajn għall-kiri ta' tappizzerija sewda. Irridu niftakru li f'dawn iż-żminijiet kien jintrema dak li jissejjaħ 'it-tubru' għall-mewt ta' persuni imporanti, ewlieni fosthom il-Papa. Sal-mewt tal-Papa Ġwanni XXIII fl-1963, kull knisja kienet tiċċelebra bl-akbar solennita' uffizzjatura u quddiesa b'suffraġju tal-Papa mejjet. F'din l-okkażjoni f'nofs il-korsija u qrib il-presbiterju kienu jarmaw tubru. Dan kien ikun jikkonsisti f'kaxxa forma ta' tebut żgħir magħmula mill-injam mgħollija fuq palkett mgħotti b'faldrappa sewda tal-bellus bil-glalen tad-deheb. Fuq nett kienu jpoġġu trirenju (ġeneralment magħmul mill-kartun jew mil-landa) u minn fuqu kienu jniżżlu velu ħafif trasparenti ta' lewn sewdieni. Quddiemu kienu jitpoġġew salib papali, baklu u l-imfietaħ - simboli tal-Isqof ta' Ruma. Mal-ġnub kienu jitpoġġew bejn madwar tnax jew sittax-il xemgħa u mal-kantunieri erba' gandlieri kbar tal-ħadid miżbugħin suwed u erba' oħra żgħar. Ma dawn ix-xemgħat kienu jitwaħħlu tabelli tal-kartun bl-istemma tal-Papa mejjet u bir-ras ta' mewt[22].

Għalkemm, kif għedna aktar 'il fuq il-festa titulari ġiet iċċelebrata b'mod normali fl-1897, minkejja l-mewt tal-Kappillan Xerri f'Ġunju, il-mewt ta' Papa Ljun fl-1903 fissret li l-festi esterni f'ġieħ il-Patrun San Ġiljan kellhom jitħassru. Fil-fatt l-ispejjeż imniżżla fir-reġistru għall-festa titulari tal-1903 jinkludu ħlasijiet li saru b'risq il-festi interni. Magħhom insibu dawk ta' żewġ liri għall-banda tal-Istitut Bonnici għas-sehem tagħha fil-purċissjoni u dawk ta' żewġ liri u xelin li tħallsu lil Costantinu Borg għall-illuminazzjoni. Din hija prova ċara li f'din is-sena saret biss il-festa interna u l-purċissjoni u huwa wisq probabbli li ddawlu biss it-toroq minn fejn għaddiet il-purċissjoni[23].



**ĦLASIJIET LI SARU LIS-SAĊERDOTI**

F'dan ir-reġistru ta' kontijiet insibu ukoll ħlasijiet li saru lil diversi saċerdoti *'per pedaggio di messe'*. Dawn is-saċerdoti kienu jitħallsu mill-prokura tal-lampier litteralment għall-mixja li kellhom biex imorru jqaddsu l-Knisja ta' San Ġiljan. Fost dawk li jissemmew insibu Kanonċi tal-Kapitlu Elenjan ta' Birkirkara – Emmanuele Debono, Luigi Debono, Guglielmo Grech Ellul, Lorenzo Sammut u Giuseppe Charbon[24]. Saċerdoti oħrajn kien jinkludu lil Vincenzo Callus, Giuseppe Camilleri, Melchiorre Formosa, il-Kanonku F. Borg Olivier, Giuseppe Busietta, Giovanni Battista Mangion, L. Galea, G. Bartolo, Gioacchino Speranza, il-Kanonku Gabrielli u Francesco Camilleri.

Jidher li dawn is-saċerdoti kien jitħallsu mhux biss tal-intenzjoni tal-quddiesa iżda għall-isforz li kienu jagħmlu biex jilħqu l-knisja. Il-kwantita' ta' ħlasijiet li saru għal dan il-għan mill-amministrazzjoni tal-prokura tal-lampier jagħtina x'nifmhu li l-kappillan kien juża s-servizz ta' diversi saċerdoti li ma kinux residenti San Ġiljan biex jgħinuh fiċ-ċelebrazzjoni tas-sagrifiċċju tal-quddies. Biex nieħdu eżempju, insemmu lill-Kanonku Luigi Debono, li kien wieħed mill-

aktar saċerdoti msemmija fil-ħlasijiet li saru *'per pedaggio di messe'*. Bejn l-1895 u l-1903, fl-annotamenti li saru lejn l-aħħar tas-sena jew il-bidu tas-sena l-ġdida, insibu ħlasijiet li saru lill-Kanonku L. Debono għal *pedaggio* u għall-intenzjoni tal-quddiesa tat-tmienja ta' filgħodu sal-aħħar ta' Diċembru. It-total ta' dawn il-ħlasijiet ivarja minn erba' liri u tmien xelini għas-sena 1899 sa disa' liri fl-1900. Imbagħad insibu ħlasijiet li saru lill-istess kanonku f'nofs is-sena. Dan kollu jagħtina x'nifmhu li l-Kanonku Debono kien iqaddes il-quddiesa tat-tmienja ta' filgħodu kuljum matul is-sena kollha.

Fost il-ħlasijiet li saru lis-saċerdoti msemmija għall-intenżjoni tal-quddiesa u għat-triq li kienu jieħdu nsibu annotazzjoni partikulari - *'per applicazione di messa pro pluvia'*. Dawn kienu quddisiet li kienu jitqaddsu bl-intenzjoni u jinkludu talb għax-xita. Għal quddiesa b'din l-intenzjoni fl-10 ta' Novembru 1896 il-prokura ħallset is-somma ta' żewġ xelini lis-Saċerdot Melchiorre Formosa. Quddiesa bl-istess intenzjoni ġiet iċċelebrata f'Marzu tal-1900 u Diċembru tal-1903.

**KIRI TA' MEZZANIN FI TRIQ LAPSI**

Fil-5 ta' April 1897 insibu rreġistrat ħlas ta' erba' liri mill-prokura tal-lampier lill-kappillan għal sena kera ta' mezzanin numru 3 fi Triq Lapsi[25]. Fis-snin ta' wara fl-istess perjodu nsibu ħlasijiet għall-kiri ta' dik li tissejjaħ 'remissa'.

**SPEJJEŻ TAL-PROKURA BEJN l- 1908 u 1910 u l-1918-1919**

Kif semmejna fl-ewwel artiklu minn din is-sensiela dan is-sors jagħtina tagħrif siewi fuq il-ħajja parrokkjali ta' San Ġiljan bejn il-5 ta' Novembru ta' l-1895 u t-18 ta' Frar ta' l-1904. Kif rajna flimkien l-amministratur ta' din il-prokura kien iniżżel prattikament kull spiża li kienet issir f'dan il-ktejjeb. Konna għedna ukoll li l-kitba fl-ewwel 31 paġna ta' dan ir-reġistru hija ta' id waħda u spekulajna li din l-id kienet ta' Dun Ġiljan Zammit. Dan għaliex jekk wieħed iqabbel id-data tal-aħħar ma' dik tal-bidu tal-parrokat tal-Kappillan Karm Bugelli jinduna li hemm biss perjodu ta' ħames ġranet bejnha u bejn l-aħħar annotazzjoni ġo dan il-ktejjeb ta' kontijiet.

Għedna ukoll li Dun Ġiljan Zammit kien prokuratur tal-knisja fi żmien il-parrokat ta' Xerri (sa mill-1895) u żamm din ir-responsabbilta' meta ngħata l-mandat ta' kappillan. Jista jkun għalhekk li l-Kappillan Bugelli fetaħ reġistru ieħor għal din il-prokura għaliex tul il-parrokat tiegħu ma nsibu l-ebda spejjeż imniżżla f'dan il-ktejjeb. Wara l-1904 hemm biss madwar tmien paġni oħra li fihom hemm indikat li l-amministrazzjoni hija tal-Kappillan Amabile Bonanno. Bonanno sar kappillan f'Marzu 1908. F'dawn il-paġni nsibu folja b'ħlasijiet li saru lil diversi saċerdoti għall-quddies bejn l-1908 u l-1910[26] u sebgħa oħra li jinkludu spejjeż li għamlet il-prokura bejn l-1918 u l-1919[27]. Hawn ma nsibux il-konsistenza u d-dettalji li nsibu fis-snin ta' qabel. Għaldaqstant wieħed ma

jistgħax isawwar stampa ċara ta' dak li kien għaddej fil-parroċċa f'dawn is-snin minn dan ir-reġistru, hekk kif għamilna għall-perjodu 1895-1904.

Fost is-saċerdoti li tħallsu *'per pedaggio di messe'* bejn l-1908 u l-1910 insibu lil Vincenzo Preca, Emmanuele Bonnici, Filippo Bonnici, il-Kanonku Karm Bezzina u mill-ġdid il-Kanonku Giuseppe Charbon. L-aħħar tnejn kienu membri tal-Kapitlu Elenjan.

L-ispejjeż li għamlet il-Prokura bejn l-1918-1919 kienu marbuta mal-bżonnijiet komuni tal-knisja: konsum ta' gas, ostji u inbid għall-quddies, xemgħa, pitrolju, faħam, u ma jistax jonqos dawk marbuta maż-żejt għal-lampier tas-sagrament. Fost in-negozjanti tax-xemgħa jissemmew Bartoli, kif ukoll Antonio Pisani u Giuseppe Cachia bit-titlu 'ceraro'.

Insibu ukoll numru ta' ħlasijiet li saru għall-kiri ta' vettura ta' trasport lejn diversi lokalitajiet fosthom: Balzan, Birkirkara, Ħamrun, Imsida, Qormi, Rabat, Imdina, San Pawl il-Baħar u diversi drabi lejn il-Belt. Jissemmew ukoll xi okkażjonijiet li għalihom attenda min kien qed juża t-trasport fosthom il-festa tal-Kandlora, il-funzjoni tat-tberik taż-żjut nhar Ħamis ix-Xirka ġewwa l-Belt Valletta u l-festa ta' San Girgor. Kienet tintuża ukoll vettura għall-vjatku li kien isir fid-djar. Nassumu li kien il-Kappillan Bonanno li kien juża dawn il-vetturi tat-trasport. Din it-teżi tkompla tissaħħaħ permezz tal-fatt li nkriet vettura għal Ħaż-Żebbuġ diversi drabi – u nafu li Bonanno kien Żebbuġi.

Ħlas ieħor ta' min jinnota huwa dak ta' ħames liri u għaxar xelini li sar lis-Superjura tas-Sorijiet ta' Marija Purifikatriċi fi Frar 1919[28].

## IL-FESTA TAL-PATRONĊINJU TA' SAN ĠUŻEPP

Ħafna mill-parruċċani anzjani li jiftakru lill-Kappillan Amabile Bonanno jsemmu li dan kien devot ta' San Ġużepp u kien akkanit għall-festa ta' dan il-qaddis li kienet u għadha ssir f'raħal twelidu – Ħaż-Żebbuġ. Huwa għalhekk li kittieba qabli kkonkludew li l-festa ta' dan il-qaddis ġewwa l-parroċċa tagħna rabbiet l-għeruq fi żmien il-parrokat ta' Bonanno. Il-fatt li din il-festa ma tissemma qatt fl-ewwel 31 paġna tar-reġistru, tikkonferma dan il-ħsieb. Madankollu s-sena l-oħra semmejt li l-Kappillan Xerri kien ħalla somma ta' flus biex permezz tagħha ssir quddiesa bil-paniġierku għall-festa tal-Patroċinju ta' San Ġuzepp.

Fil-fatt, nistgħu ngħidu b'ċertezza li l-fundatur tal-festa ta' San Ġużepp kien il-Kappillan Xerri nnifsu u mhux Bonanno. Dan għaliex fit-testment tiegħu tal-4 ta' Ottubru 1896, li nkiteb min-Nutar Michele Luigi Casolani, Xerri ħalla s-somma ta' żewġ liri sterlini (ekwivalenti għal 24 skud Malti) sabiex f'kull anniversarju mid-data tal-mewt tiegħu tiġi ċċelebrata quddiesa kantata *'de requie con libera'* u sabiex kull sena titqaddes quddiesa kantata bil-paniġierku *'in onore e gloria del Patriarcha San Giuseppe'* nhar il-festa tal-patroċinju tal-qaddis,

jiġifieri nhar it-tielet Ħadd fuq l-Għid il-Kbir. L-ispiża annwali ta' żewġ liri b'risq dawn iż-żewġ quddisiet u paniġerku ġew imposti bħala piż perpetwu fuq dar numru 15 f'Triq Birkirkara ġewwa San Ġiljan. Din is-somma kellha tiġi rtirata kull sena mir-rappreżentant leġittimu tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġiljan. Xerri ħalla struzzjonijiet ċari għal dan il-għan. Għalhekk iddispona li l-eżekutur tat-testment kellu jippreżenta nota f'dan ir-rigward lir-reġistru pubbliku. Fil-każ li dan kien indispost għal xi raġuni jew oħra, dan l-obbligu kellu jgħaddi f'idejn l-eredi tiegħu li kellhom jippreżentaw din in-nota fi żmien sena mill-mewt tal-qarib tagħhom lir-reġistru taħt piena li jitilfu kull benefiċċju hekk kif imniżżel fit-testment jekk ma jsegwux din id-dispożizzjoni. Il-persuna fil-pussess tad-dar imsemmija kellha l-obbligu li tgħaddi f'idejn l-amministratur ta' din il-fundazzjoni s-somma ta' żewġ liri kull sena mill-anqas tliet xhur qabel id-data tal-anniversarju tal-mewt ta' Xerri[29].

Illum għalhekk nistgħu nikkonkludu li l-fatt li l-festa ta' San Ġużepp ma tissemmiex fir-reġistru tal-prokura tal-lampier, b'kuntrast ma' tant u tant festi oħra u devozzjonijiet li għadhom sal-lum jiġu ċċelebrati f'din il-knisja, huwa minħabba li l-ispejjez ta' din il-festa kienu jiġu mħallsa mill-fundazzjoni li ħalla l-Kappillan Ġużeppi Xerri. Madankollu, jidher li fi żmien il-parrokat ta' Bonanno din bdiet tikber. Din il-konklużjoni naslu għaliha minħabba l-fatt li fit-tieni nofs ta' dan il-ktieb ta' kontijiet, dak tal-amministrazzjoni tal-kappillan Żebbuġi (1818-1819) insibu annotati ħlasijiet li saru għall-festa ta' San Ġużepp. Fost dawn sar ħlas ta' lira u tnax-il xelin lil Salvatore Buttigieg '*per musica*', lira u ħames xelini għal banda, tnax il-xelin għall-priedki tat-tridu u paniġierku, u sitt xelini li tħallsu lil Dun Karm Rizzo[30]. Dan jagħtina x'nifmhu li l-festa issa bdiet tiġi ċċelebrata bi tlett ijiem ta' tħeħħija u kienet xirfet il-barra mill-għatba tal-bieb il-kbir tal-knisja bis-sehem tal-banda.



L-istatwa ta' San Ġużepp, li l-festa tiegħu f'San Ġiljan, nafu li ħadet spinta fi żmien il-Kappillan Bonanno.

## KONKLUŻJONI

Dan ir-reġistru ta' spejjeż tal-Prokura tal-Lampier tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġiljan huwa sors importanti li permezz tiegħu stajna nsawwru stampa aktar ċara tal-ħajja fil-parroċċa ġdida ta' San Ġiljan lejn l-aħħar tas-seklu XIX u l-bidu tas-seklu XX, preċiżament fis-snin bikrin tagħha. Meta wieħed iqalleb il-folji tar-reġistru jħoss bħallikieku qed imur lura fiż-żmien u jgħix il-ġrajjiet li seħħew f'dawk iż-żminijiet quddiem għajnejh. Għalkemm dan huwa rendikont ta' ħlasijiet, id-dettall li ħalla l-prokuratur li kien jirreġistrahom huwa tali li permezz tiegħu rajna dak li kien qiegħed iseħħ fil-Parroċċa l-ġdida: dettalji fuq il-festa titulari, festi ta' artali u devozzjonijiet, iċ-ċelebrazzjoni tas-sena liturġika, il-ħajja parrokkjali u ekkleżjali ta' kuljum, il-personaġġi li ħadmu biex il-knisja tiżżejjen bl-opri tal-arti sagri, l-artisti li ħadmu fuqhom, is-saċerdoti li kienu jagħtu s-servizz fil-Parroċċa, kif ukoll ġrajjiet speċjali u partikolari li seħħew f'dan il-perjodu interessanti fil-ħajja ta' San Ġiljan.

Naraw ukoll kif il-parroċċa issa ħadet l-istat tagħha u nfirdet mill-Kolleġġjata Elenjana, imma kif il-konnessjoni ma' Birkirkara baqgħet, permezz tas-saċerdoti u kanonċi Karkariżi li baqgħu jiġu jqaddsu u jamministraw is-sagramenti fil-parroċċa l-ġdida.

L-istampa li wieħed jibni permezz ta' dan is-sors huwa ta' parroċċa ħajja u attiva u ta' perjodu storiku ta' entużjażmu u ħajja reliġjuża ferventi. L-attività' ġewwa l-erba' ħitan tal-knisja kienet waħda kontinwa, b'festi liturġiċi li kienu jiġu kkommemorati bl-akbar solennita' tul is-sena kollha. Ix-xogħol li kien għaddej fil-knisja neo-parrokkjali, biex din titkabbar u tiġi mgħammra kif jixraq kellu warajh żewġ persuni li nistgħu nsejħulhom mhux biss ir-rgħajja spiritwali tal-poplu Ġiljaniż, iżda ukoll il-muturi wara din l-attivita' kollha. Dawn kienu l-ewwel Kappillan Dun Ġużepp Xerri u s-suċċessur tiegħu Ġiljan Zammit, iben il-parroċċa stess. L-impressjoni li wieħed jieħu minn dawn il-paġni hija ta' żewġ saċerdoti bl-istess viżjoni u dedikazzjoni li kellhom stima u mħabba nistgħu ngħidu hekk paternali u filjali bejniethom. Wieħed beda kollox, u l-ieħor assistih fl-aħħar snin ta' ħajtu u tul il-parrokat tiegħu (li għex f'eta avvanzata) u kompla x-xogħol kbir li beda l-predeċessur u s-'surmast' tiegħu.

Prova ta' din ir-relazzjoni speċjali bejn dawn iż-żewġ saċerdoti, li l-parroċċa għandha tkun grata ħafna lejhom, tinsab fit-testment finali ta' Xerri li nkiteb min-Nutar Michele Luigi Casolani nhar l-4 ta' Ottubru 1896, fejn fih il-Kappillan xwejjaħ ħalla rużetta tal-iżmerald, żewġ stejjel irrakkmati, żewġ irkieket tal-bizzilla, librerija tal-kewba u diversi kotba (uħud minnhom li kienu jitrattaw it-Teoloġija) li kienu jinsabu f'din il-librerija. L-istima ta' Xerri lejn Zammit kienet tali li ħatru ukoll eżekutur tat-testment tiegħu b'fiduċja sħiħa li l-istess Dun

Ġiljan jkompli jassitih fil-kura tal-Parroċċa ta' San Ġiljan sa mewtu *'nel modo lodevissimo in cui egli ha cio' fatto negli scorsi anni'*[31].

RIFERENZI


1 NIKI PAPAGIORCOPULO, *Kwadru tal-Ħajja Parrokkjali u l-Festa ta' San Ġiljan bejn Tmiem is-Seklu Dsatax u l-Bidu tas-Seklu Għoxrin (I)*, f'*Lapsi (Awwissu 2009)* 56-65
2 NIKI PAPAGIORCOPULO, *Kwadru tal-Ħajja Parrokkjali u l-Festa ta' San Ġiljan bejn Tmiem is-Seklu Dsatax u l-Bidu tas-Seklu Għoxrin (II)*, f'*Lapsi (Awwissu 2010)* 56-67
3 NIKI PAPAGIORCOPULO, *Kwadru tal-Ħajja Parrokkjali u l-Festa ta' San Ġiljan bejn Tmiem is-Seklu Dsatax u l-Bidu tas-Seklu Għoxrin (III)*, f'*Lapsi (Awwissu 2011)* 69-87
4 ASĠ, *Libro Esito: Amministrazione della Procura della Ven. Lampade della Chiesa Parrochiale di San Giuliano*, 4
5 J.N. HAYS, *Epidemics and Pandemics. Their Impacts on Human History*, California 2005, 303-314
6 WINSTON L.ZAMMIT, *Dun Ġużepp Xerri D.D. (1823-1897). L-Ewwel Kappillan ta' San Ġiljan*, Malta 1997, 5-6
7 *L'Ordine* 19.VI.1897
8 E.B. VELLA, *Storja ta' Birkirkara u l-Kolleġġjata Tagħha*, Malta 1934, 376
9 AAM, Canc., XV, SG, ff. 95v-96
10 *L'Ordine*, 15.X.1891
11 Ibid, 18.X.1891
12 WINSTON L.ZAMMIT, *Dun Ġiljan Zammit. Mitt Sena minn Mewtu*, f'*Lapsi (Awwissu 2009)* 13-18
13 APSĠ, Def. II, no. 181
14 *L'Ordine*, 19.VI.1897
15 *La Gazzetta di Malta*, 11.VI.1897
16 ASĠ, *Libro Esito:Amministrazione della Procura della Ven. Lampade della Chiesa Parrochiale di San Giuliano*, 10
17 Ibid, 11
18 *L'Ordine*, 26.X.1897
19 Ibid, 30.XI.1897
20 ASĠ, *Libro Esito: Amministrazione della Procura della Ven. Lampade della Chiesa Parrochiale di San Giuliano*, 10
21 Ara MARC ANDRE` CAMILLERI, *Papa Leone XIII (1810-2010). Mitejn Sena minn Twelidu*, f'*Lapsi (Awwissu 2010)* 9-17
22 TONY TERRIBILE, *It-Tubru... Ritratti Jitkellmu*, f'*San Ġiljan* (Awwissu 2004), 52-55
23 ASĠ, *Libro Esito: Amministrazione della Procura della Ven. Lampade della Chiesa Parrochiale di San Giuliano*, 29
24 Ara artiklu ta' Winston L. Zammit li qed jidher f'paġna 118 ta' din il-pubblikazzjoni
25 ASĠ, *Libro Esito: Amministrazione della Procura della Ven. Lampade della Chiesa Parrochiale di San Giuliano*, 9
26 Ibid, 33-34
27 Ibid, 35-41
28 Ibid, 36
29 NAV, Not M.L. Casolani R 25/695 (4.x.1896)
30 ASĠ, *Libro Esito: Amministrazione della Procura della Ven. Lampade della Chiesa Parrochiale di San Giuliano*, 37
31 NAV, Not M.L. Casolani R 25/695 (4.x.1896)